# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 11 ta' Jannar, 2001**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 1235/93 JF**

**Dr. Rudolph Ragonesi in rapprezenza ta' Roger Satariano and Son Limited.**

**vs**

**Paul Buffa u Nadine dei Conti Manduca, bhala dirtetturi, ghan-nom u in rapprezentanza ta' P. Buffa and Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' konvenuta ordnat merkanzija mis-socjeta' attrici, konsistenti f'bathroom fittings u accessorji, skond prospett markat Dok A, liema merkanzija giet kunsennjata mis-socjeta' attrici.

Premess illi s-socjeta' konvenuta baqaghlha thallas il-bilanc ta'Lm2,170 u dana nonostante diversi nterpellanzi ghall-hlas, inkluz b'ittra ufficjali ta' Awissu, 1933.

Premess illi fuq l-imsemmi ammont huma dovuti l-interessi kummercjali mid-dati tal-kunsenja.

Talab li dina l-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,170 bilanc ta' somma akbar dovuta ghall-kunsenja ta' merkanzija konsistenti f'bathroom fittings u accessorji.

2. Tordna l-bejgh in subasta tal-oggetti tas-socjeta' konvenuta, maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid numru biex jigi

soddisfatt il-kreditu tas-socjeta' attrici, a tenur tal-305 et sequentia tal-Kodici tal-Procedura.

Bl-interessi mid-data tal-kunsenja sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija u tal-mandati ta' qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul Buffa et noe fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont pretiz mhux dovut peress illi l-merkanzija konsenjata lill-konvenuti nomine kienet difettuza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta fejn teccepixxi bir-rispett:

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-esponenti m'hiex debitrici tas-socjeta' attrici fl-ebda ammont anzi hija s-socjeta' attrici li ghandha tirrifondi ammont imhallas indebitament.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti esebiti;

Trattata l-eccezzjoni ulterjuri dwar pagament;

Ikkunsidrat li din li ser tinghata hija decizjoni rigwardanti l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta' konvenuta, jigifieri li hija m'hijiex debitrici tas-socjeta' attrici fl-ebda ammont anzi kienet is-socjeta' attrici li ghandha tirrifondi ammont imhallas indebitament.

Illi in sostenn ta' dina l-eccezzjoni ulterjuri, is-socjeta' konvenuta esebiet kopja ta' bank draft intestat fuq R. Satariano & Sons Ltd bid-data tat-18 ta' Dicembru 1992 ghas-somma ta' Lm3,000 (tlett elef lira) u li suppost din it-tranzazzjoni giet effettwata in data tad-19 ta' Dicembru 1992 mill-Bank of Valletta, fil-fergha ta' San Giljan.  Ghandu jinghad li l-Bank Draft inhareg u suppost intbaghat f'isem is-socjeta' konvenuta mill-Mid-Med Bank Limited.

Il-Qorti, wara li semghet diversi xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta konsistenti f'ufficcjali li huma jew kienu impjegati maz-zewg banek, hija

tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ma rnexxilhiex tipprova sufficjentement li dan il-pagament fil-fatt sehh. Mhux biss ma jirrizultax li l-Bank of Valletta ma kellhom l-ebda klijent taht isem R. Satariano & Sons Ltd. imma biss Roger Satariano & Sons Ltd., imma aktar importanti huwa l-fatt l-iehor li skond ix-xhud Robert Lautier in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Ltd., ghalkemm il-Bank gieli accetta depoziti intestati "R. Satariano & Sons Ltd.," fl-istess waqt <u>lilhom ma kien irrizultalhom l-ebda depozitu bhal dak specifikat mis-socjeta' konvenuta</u> in data tad-19 ta' Dicembru 1992. Di fatti dan ix-xhud jghid kategorikament hekk (ara fol. 154 et seq. tal-process),

> *"Ahna ghamilna r-ricerki taghna, hrigna 'statement' ta' Roger Satariano and Son Ltd., illi ghal fini taghkom kienet 'close enough'. Li rrizulta 'on the 19th December 1992' <u>ma sibniex 'deposit'</u>.*

Ix-xhud kompla jispjega li una volta d-data 'a retro' fuq il-bank draft kienet id-19 ta' Dicembru 1992 dana jfisser li suppost dahal fil-Bank dakinhar u mhux darb'ohra.

Minbarra s-suespost il-Qorti tirrileva li s-socjeta' konvenuta ma pproduciet ebda rcevuta. Oltre dan, il-Qorti ssibha wkoll stramba li socjeta' li qieghda tikkontesta n-natura tal-materjal supplit lilha billi tallega li kienet difettuz u li sahansitra intavolat hi stess kawza ghad-

danni dwar din il-konsenja, fl-istess waqt tallega – disa' xhur wara li giet imharrka u teccepixxi snin wara ulterjorment - li wara kollox hija kienet hallset in eccess ta' dak mitlub minnha. Frankament, il-Qorti sabet dan kollu strarikkjat oltre l-limiti ta' kull allegazzjoni ragjonevoli. Hi x'inhi, fuq bazi ta' mera probabilita', certament il-prova tal-hlas indebitu ma tirrizultax.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez gudizzjarji relativi kontra taghha u thalli l-kawza ghall-provi kollha tal-konvenut nomine fil-mertu.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

Md